**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 02/2017**

| | |
|---|---|
| **Data:** | 20 ta' Frar 2017 |
| **Ħin:** | 9:00pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

ŻEJTUN Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | Joe Attard - Sindku<br>Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku<br>Joan Agius - Kunsilliera<br>Claude Camilleri - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephania Fenech - Kunsilliera<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali |
| **Assenti** | Joe Hales - Kunsillier |
| **Skużati** | Amanda Abela - Kunsilliera<br>Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **2.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġija** |
| **2.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **2.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **2.4** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **2.5** | **Mozzjonijiet u Affarijiet oħra** |
| **2.6** | **Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |

**02. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **02.** 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setgħatx tattendi għal laqgħa minħabba raġunijiet familjari (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |

**02. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **02.** 2. 1 | | | Is-Sindku talab li l-aġenda u l-approvazzjoni tal-minuti jiġu sospiżi u ssir laqgħa oħra fid-9 ta' Marzu peress li kien sar il-ħin. | Sindku |

**02. 3** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML 02/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 3 1 | 03 | AKL: Laqgħa Plenarja - Ċirkolari 16/2017 | Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera sabiex tingħata risposta minn dawk li ser jattendu għal din il-laqgħa li ser issir fl-4 ta' Marzu 2017 | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 3 2 | 25 | Y Ltd: Career Day | Il-Kunsill Lokali ma qabilx ma din il-proposta, peress li jrid isir ħlas ta' €400 | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 3 3 | 30 | Claire Apap: Użu ta' parkeġġ fejn jarma s-suq | Il-Kunsill qabel li għandu jitħallas l-ammont ta' €50 bħala kirja tal-post u sabiex ikun hemm aċċess għal latrini. L-*area* riservata tkun dik ta' 100 metru kwadru. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 02. 3 4 | 32 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera daru l-punti imsemmija. Il-Kunsill qabel li l-aħħar deċizzjoni għandha tkun tal-Kunsill. Qabel ukoll li l-kunsilliera m'għandhomx jissotomettu nomini. | Chircop |
| 02 3 5 | | Agius: Għaqal id-Dar | Il-Kunsill qabel li l-Arti u Artiġjanat għandu jinfetaħ għal laqgħat li se jibdew isiru sabiex jgħinu n-nisa bi problemi soċjali. | Agius |

**02 4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 4 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill b'dawn il-korrezzjonijiet. | Segretarju Eżekuttiv |

**02 5. Mozzjonijiet u Affarijiet oħra**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 5 1 | | Viċi-Sindku: Attivita` għal anzjani | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser issir attivita` għal anzjani mill-Instructor Isabella Sheroder nhar it-22 ta' Frar fit-3:00pm fejn iż-żgħażagħ immexxija mill-Kunsilliera Fenech u l-anzjani ser jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. | Viċi-Sindku, Fenech |
| 02 5 2 | | Chircop: Nominazzjonijiet - Ġieh iż-Żejtun | Chircop informa l-Kunsill li n-nominazzjonijiet issa huma miftuħa u jagħlqu fis-6 ta' Marzu. | Chircop |
| 02. 5 3 | | Chircop: Riklamar fuq il-magazin tal-iskola | Chircop informa l-Kunsill li ġie avviċinat mill-Skola Sekondarja u staqsew jekk il-Kunsill jistax jibda jagħmel reklamar fuq il-magażin Meander. Is-Sindku talab li din għandha ssir bil-miktub minn naħa tal-iskola. | Chircop |

**02 6. Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 9 ta' Marzu 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Joe Attard
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv